MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru 3/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**v.**

**Romina Azzopardi”**

Il-Qorti,

Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia tal-25 ta’ April 2011 li bih ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmija Romina Azzopardi kienet ordnata bhala kundizzjoni ta’ l-Ordni ta’ *Probation* li tibda u tkompli sa tmiemu programm ta’rijabilitazzjoni fuq bazi residenzjali ghall-vizzju tad-droga izda giet sospiza mill-programm ghax kisret wahda mill-kundizzjonijiet kardinali ta’ l-istess programm;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April 2011 li bih appuntat id-denunzja ghas-smigh ghall-4 ta' Mejju 201l fl-10.30 a.m.;

Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia;

Rat in-nota ta' l-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia pprezentata fis-6 ta' Mejju 2011;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Romina Azzopardi hatja tar-reati addebitati lilha, u cioe` talli gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) xjentement ghexet ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, cioe` ta' Yanica Aquilina;

(2) irrendiet ruhha recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

(3) ikkommettiet reat waqt li kienet taht perijodu operattiv ta' *probation*, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D., nhar-it 18 ta' Gunju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat l-ordni ta' *probation* ta' l-istess data maghmul fil-konfront ta' Romina Azzopardi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg imputazzjonijiet u li stabbilixxiet is-segwenti kondizzjonijiet:

**“1. Li matul il-perijodu ta’ *probation* il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb u tghaddi hajja ta’ bzulija;**

**“2. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha;**

**“3. Li ghandha zzomm ruhha f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li taghtiha minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li hija ghandha, jekk u kif l-ufficjal tal-*probation* ikun irid, tircievi zjarat ta’ l-istess ufficjal tal-*probation*;**

**“4. Li tibda u tkompli sa tmiemu programm ta’ rijabilitazzjoni fuq bazi residenzjali ghall-vizzju tad-droga li ghandha;**

**“5. Li ma tihux sostanzi illeciti u li tissottometti ruhha ghal dawk it-testijiet, kif u meta tindikalha l-ufficjal tal-*probation*, biex jigi accertat li l-hatja mhux qed tiehu sostanzi illeciti.”**

Rat illi kwantu ghat-tielet imputazzjoni l-Qorti tal-Magistrati ghazlet li ma tittrattax ma’ l-imsemmija Romina Azzopardi ghar-reat li dwaru kien sar l-ordni ta’ *probation* tat-18 ta’ Gunju 2010 izda, minflok, estendiet dak l-ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin mit-18 ta’ Gunju 2010, u cioe` mid-data ta’ l-ordni originali.

Ikkunsidrat:

Mix-xiehda li l-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia tat fl-4 ta’ Mejju 2011 jirrizulta li l-*probationer* Romina Azzopardi kienet bdiet programm residenzjali mal-CARITAS minhabba l-problema tal-vizzju tad-droga u kienet sejra tajjeb hafna, izda kisret wahda mill-kundizzjonijiet tal-programm u giet sospiza. Proprju f’dik il-gurnata ta’ l-4 ta’ Mejju 2011 id-dirigenti tal-CARITAS kellhom jiddiskutu jekk kinux sejrin ihallu lill-*probationer* tkompli l-programm jew le. Fis-6 ta’ Mejju 2011 l-ufficjal tal-*probation* ipprezentat nota li permezz taghha nfurmat lil

din il-Qorti li kienet ittiehdet decizjoni mid-dirigenti tal-CARITAS li l-*probationer* tigi riammessa proprju dakinhar tas-6 ta’ Mejju 2011. Sfortunatament il-*probationer* ma uzufruwietx minn din l-opportunita` li nghatatilha. L-ufficjal tal-*probation* spjegat: “Gara li dalghodu s-siehba ta’ Romina cemplet darbtejn il-CARITAS biex tghidilhom li Romina xtaqet tidhol nhar-it Tnejn 9 ta’ Mejju u dan ghaliex li llum Romina kellha *hangover*. Mill-CARITAS din giet infurmata li Romina ghandha tkun lura l-programm sa nofs-in-nhar u f’kaz li ma tkunx hija titlef ic-cans taghha li tigi accettata lura fil-programm. Romina ghazlet li ma tirritornax lura l-programm. L-ufficjal tal-*probation* giet infurmata minn Fleur Bianco li minhabba l-agir taghha, Romina tilfet postha fil-programm.”

Ghalkemm il-kawza kienet differita ghall-1 ta’ Gunju 2011, in vista ta’ tali cirkostanzi din il-Qorti rrikjamat il-kawza ghat-18 ta’ Mejju 2011 meta l-ufficjal tal-*probation* ikkonfermat dak kollu li kienet infurmat lil din il-Qorti bih permezz tan-nota tas-6 ta’ Mejju 2011. Saret id-debita trattazzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-1 ta’ Gunju 2011. Dakinhar il-*probationer* ma dehritx u ghalhekk din il-Qorti ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ arrest kontra l-istess *probationer* ghas-seduta tallum.

Evidentement il-kundizzjonijiet li saru fl-ordni ta’ *probation* tas-17 ta’ Frar 2011 kienu ntizi sabiex il-*probationer* tehles mill-vizzju tad-droga. Hija tassew hasra illi kienet sejra tajjeb imbaghad mhux biss kisret kundizzjoni tal-programm li minhabba fiha giet sospiza izda, aghar minn hekk, inghatat l-opportunita` terga’ tidhol fil-programm biex tkomplieh u ghazlet li ma tirritornax bl-iskuza li kellha *hangover*. Wahda mill-kundizzjonijiet fl-ordni ta’ *probation* kienet li l-*probationer* “tibda u tkompli sa tmiemu programm ta’ rijabilitazzjoni fuq bazi residenzjali ghall-vizzju tad-droga li ghandha.” Hija naqset milli taghmel dan u ghalhekk giet li kisret wahda mill-aktar kundizzjonijiet vitali ta’ l-ordni ta’ *probation*. Dan kien nuqqas serjissimu u ghalhekk din il-Qorti sejra issa tittratta mal-*probationer* skond kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti konsegwentement rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Romina Azzopardi li dwarhom il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza taghha tas-17 ta' Frar 2011 iddecidiet li takkordalha l-beneficcju ta' ordni ta' *Probation*`, u cioe` talli:

"Gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) xjentement ghexet ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, cioe` ta' Yanica Aquilina;

(2) irrendiet ruhha recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula."

Issa, il-fedina penali ta' l-imsemmija Romina Azzopardi tidher, almenu *prima facie*, wahda refrattarja u nghatat diversi opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha. Difatti jidher li diga` nghatat erba' ordnijiet ta' *probation* li ma swew ghalxejn, u dan oltre zewg *conditional discharges*. Ghalhekk din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra hlief li tapplika r-riguri kollha tal-ligi. U jekk verament l-istess Romina Azzopardi tixtieq tehles darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga, tista' taghmel dan skond kif jipprovdu r-regolamenti tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Romina Azzopardi kisret il-kundizzjonijiet ta' l-ordni ta' *probation* tas-17 ta' Frar 2011 maghmul mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, qed tittratta maghha ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hi kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward ta’ l-imsemmijin imputazzjonijet, tirrevoka l-ordni ta’ *Probation* maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 18, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imsemmija Romina Azzopardi ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tlettax-il xahar. Inoltre, peress illi d-denunzja kienet tirrigwarda specifikatament l-ordni ta’ *probation* tas-17 ta’ Frar 2011, thalli fis-sehh l-ordni ta’ *probation* tat-18 ta’ Gunju 2010 ghall-perijodu ta’ tliet snin minn dik id-data kif ordnat bis-sentenza msemmija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Frar 2011, u dan sabiex wara li l-hatja tkun skontat il-piena ta’ prigunerija hija xorta tibqa’ taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------